MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 10/1997/2

**Margaret mart George Vella,**
**Maria Regina Zerafa u ghal kull**
**interess li ghandu George Vella**
**zewg Margaret Vella**

**v.**

**Salvu Parnis**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell limitat għall-kap ta' l-ispejjeż. Permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Jannar 1997 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivli, l-atturi appellanti ppremettew li l-kontendenti għandhom raba' tmiss ma' ta' xulxin, u li f'dik tal-konvenut Parnis hemm molqa[1] li minnha jgħaddi l-ilma għal ġo bir li hemm fl-art ta' l-atturi. Skond l-atturi fit-22 ta' Novembru 1996 il-konvenut klandestinament u b'mod abbużiv radam bil-ħamrija din il-molqa u b'hekk l-ilma ma baqax jidħol fil-bir tagħhom. Għalhekk l-atturi (illum appellanti) talbu li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut ikkometta spoll fil-konfront tagħhom u tikkundannah ineħħi l-ħamrija li biha radam il-molqa, u fin-nuqqas tawtorizzahom jagħmlu dak meħtieġ sabiex l-ilma li jinżel fil-molqa jgħaddi għall-bir tagħhom.

**2.** Min-naħa tiegħu l-konvenut eċċepixxa:-

(1) li l-ġudizzju m'huwiex integru in kwantu l-art kienet proprjeta` tiegħu u ta' ħuh Krispin Parnis;

(2) li l-art tal-atturi ma tgawdix xi dritt ta' servitu`; u

(3) li l-azzjoni ta' spoll ma tistax tirnexxi minħabba li l-atturi ma għandhomx il-pussess li qed jivvantaw.

**3.** Permezz ta' nota ppreżentata fit-8 ta' Awissu 2002[2] -- wara sensiela ta' differimenti, ħafna minnhom minħabba li l-partijiet kienu infurmaw lill-Qorti li kien hemm il-possibilita` ta' ċessjoni[3] -- l-atturi ċedew il-meritu "…stante illi llum l-ispoll kommess ġie spurgat…" u żammew ferm il-kap ta' l-ispejjeż.

**Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti**

**4.** Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali,

---

[1] Ħofra fl-art jew fil-blat li fiha jingabar l-ilma li jaqa' fl-art jew fuq il-blat u li jkun jaqleb għal ġo fiha, biex l-ilma minnha jiġi dirett għal x'imkien ieħor.
[2] Fol. 31.
[3] Ara, per eżempju, fol. 18, 20, 21, 23, 24. Il-kawża ġiet differita *sine die* fit-30 ta' Mejju 2001, u ġiet riappuntata fuq talba tal-atturi, għat-22 ta' Marzu 2002, fol. 28.

fl-24 ta' Jannar 2006, dik il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-meritu in vista tan-nota fuq imsemmija, iddikjarat li l-ispejjez kellhom ikunu a karigu ta' l-atturi, u dan wara li kkonkludiet li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li gie kommess spoll. Il-parti rilevanti tas-sentenza tghid hekk:

"L-atturi fic-citazzjoni taghhom attribew l-ispoll ghall-fatt li tradmet molqa li kienet tissuplixxi ilma lill-bir fl-ghalqa taghhom li tigi ma' genb dik tal-konvenut. Il-fatt ta' l-ispoll skond l-atturi sar mill-konvenut u gie mnehhi fil-mori tal-kawza meta huma nehhew l-ostakolu tal-hamrija madwar il-molqa li kien qieghed jostakola l-iskular ta' l-ilma ghall-bir taghhom. Il-konvenut minn naha tieghu oppona l-pussess ta' l-atturi u n-nuqqas ta' xi dritt ta' servitu taghhom fuq l-art tieghu. Issa kien jispetta lill-atturi li jippruvaw 'inter alia' li kien hemm spoll, kif minnhom sostnut, u li dan gie kommess mill-konvenut. Mill-provi taghhom dan ma giex sufragat. La jirrizulta f'xhiex kienet tikkonsisti din il-molqa, la fejn kienet sitwata, la kif eventwalment tnadfet. Kemm il-konvenut u kemm id-detentur ta' qablu stqarrew li huma kienu ghal kollox injari dwar din il-molqa. Anzi l-konvenut fix-xhieda tieghu prezentata permezz ta' affidavit jistqarr li wara li l-art fejn suppost kien hemm din il-molqa nxtrat minnhom fl-1994 kienu zerghuha ghalf ghall-baqar li jidher huwa l-fonti principali tan-negozju taghhom.

"Fic-cirkustanzi hi l-fehma tal-Qorti li l-azzjoni esperita mill-atturi ma kinitx tirnexxi fuq il-provi disponibbli in atti u ghalhekk huwa huma li ghandhom ibatu l-ispejjez taghha.

"Ghaldaqstant tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara meritu ezawrit u tieqaf li tiehu konjizzjoni tieghu waqt li in kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom ikunu fl-intier taghhom a karigu ta' l-atturi."

**L-appell**

**5.** L-atturi appellaw minn din is-sentenza limitatament, kif inghad, fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez. L-aggravju taghhom huwa bazikament illi l-ewwel Qorti ghamlet

apprezzament zbaljat tal-fatti, fis-sens li, skond huma, kienu ppruvaw adegwatament li kien hemm l-ispoll, u li dan kien gie kommess mill-konvenut. Huma jillanjaw b'mod partikolari li donna l-ewwel Qorti ma fehmitx x'kienet molqa, u li minn ezami akkurat tal-affidavits u ta' l-unika deposizzjoni – dik ta' Guzepp Vella a fol. 56 sa 60 – l-ewwel Qorti kellha tasal ghal konkluzjoni opposta ghal dik li effettivament waslet ghaliha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**6.** L-Artikolu 223(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li *"kull sentenza defenittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez"*. Issa, l-ewwel Qorti kellha zewg verzjonijiet li kienu, tista' tghid, dijametrikament opposti ghal xuxlin. Min-naha ta' l-atturi appellanti dawn kienu qeghdin isostnu li kienet tezisti din il-molqa fir-raba' tal-konvenut appellat u li din intradmet minnu f'data specifika – fit-22 ta' Novembru 1996 – bil-konsegwenza li ma baqax jingemgha ilma fiha u li kien imbaghad jibqa' niezel fil-bir li l-appellanti ghandhom fl-ghalqa taghhom. Min-naha tieghu l-appellat cahad l-ezistenza ta' din il-molqa. Inoltre jghid li kien ftit wara li giet fil-pussess tieghu l-art in kwistjoni f'Dicembru tal-1994 li huwa ghamel xoghol li kien jikkonsisti fit-twittija tal-hamrija. Huwa cahad kategorikament li fit-22 ta' Novembru 1996 huwa ghatta xi molqa.

**7.** Huwa maghruf li r-regola tal-ligi in generali hi semplicement illi l-piz tal-prova hu fuq l-attur li jafferma l-pretensjoni, u hu ma jirnexxiex jekk ma jipperswadiex lill-Qorti moralment, fuq bilanc ta' probabilita`, illi l-pretensjoni tieghu hija fondata. F'dan il-kaz kien jispetta lill-atturi appellanti jaghtu prova mhux biss ta' l-ezistenza ta' din il-molqa izda wkoll li kien l-appellat li kkometta spoll meta radamha bil-hamrija – apparti li kellhom jippruvaw ukoll li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data ta' l-imsemmi spoll. Minn ezami akkurat tal-provi prodotti – konsistenti, kif inghad, f'affidavits u f'deposizzjoni wahda – din il-Qorti b'ebda mod ma tista' ticcensura lill-ewwel Qorti fir-rigward tal-konkluzjoni raggunta, cioe` li l-atturi ma kienux ippruvaw, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li l-konvenut kien ghatta bil-hamrija fit-22 ta' Novembru 1996 il-molqa

in kwistjoni. Fi kliem iehor, il-provi prodotti m'humiex tali li a bazi taghhom wiehed jista' b'serenita` jasal ghall-konkluzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li kienet tezisti din il-molqa u li l-atturi kienu fil-pussess ta' xi haga, li gew spoljati minnha, u li l-kawza saret fit-terminu ta' xahrejn minn meta gie kommess l-allegat spoll. Kawzi li jsiru b'leggerezza jew li jigu kondotti in prima istanza b'nonkuranza jew b'nofs kedda, ma jistax wiehed jippretendi li jipprova jsalvahom fl-appell. L-appell odjern jirrazenta l-fieragh.

**<u>Decide</u>**

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' l-appell jithallsu kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------